MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2003

Numru 178/1999

**Il-Pulizija**
(Spettur Frans Micallef)
**vs**
**Mary Anne sive Miriam Chetcuti**
**Loraine Barbara**
**Doriane Caruana**
**Licia Saywell**

**Fil-konfront ta' Licia Saywell**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Licia Saywell ta' 37 sena mart Domenic u bint Lawrence Galea u Concetta nee' Azzopardi imwielda Pieta' fl-20 ta' Mejju 1961 u li toqghod 1 Triq ir-Rumani, Mosta detentrici tal-karta ta' l-identita bin-numru 365761 (M).

Talli:-
Fit-23 t'Ottubru 1998 u matul l-ahhar xhur qabel din id-data, minn gewwa l-B.H.S. Stores tas-Sliema, b'diversi atti maghmulin minnha, fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe' ikkommettiet serq ta' diversi hwejjeg liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur ta' aktar minn LM100 izda anqas minn LM1000 u bil-persuna.

Talli ukoll fl-istess zmien u cirkustanzi xjennnntement ghinet jew assistiet lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt gie ppreparat jew ikkunsmat.

Talli ukoll b'mezzi kontra il-ligi, jew billi uriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh bi hsara ta' haddiehor.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali.

Rat li l-akkuzata ma oggezzjonatx li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja quddiem din il-Qorti.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha

Semghet it-trattazzjoni tad-difiza u tal-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat:-

1. Dan huwa kaz ta' allegat serq mill-'BHS Stores' ta' hwejjeg fit-23 t'Ottubru 1998 u matul ix-xhur ta' qabel.

2. Mill-istqarrija ta' l-aakuzata moghtija skond il-ligi fis-26 t'Ottubru 1998 jirrizulta b'mod l-aktar car li hi kellha ftehim ma impjegata fil-BHS, Mary Anne Chetcuti li tixtri hwejjeg 'bid-discount taghha' (I,e. ta' Chetcuti).Meta kienet tixtri kienet tibzai hadd iehor mill-hanut kien ser iwaqqafha. B'dan il-metodu "xtrat" diversi

hwejjeg li wriethom lill-Pulizija meta marru d-dar taghha. L-imsemmija stqarrija giet konfermata minn Saywell bil-gurament quddiem din il-Qorti.

3. Ma jistghax jigi stabbilit il-valur ta' l-oggetti li gew f'idejn l-akkuzata bil-mod hawn fuq imsemmi. Imma il-bicca xoghol ma gratx ta' darba.

4. Il-Qorti ssib lill-akkuzata hatja tar-reat kontinwat ta' serq mhux kwalifikat u mhux hatja ta' l-akkuzi l-ohra li minnhom qed tilliberaha.

Rat l-artikoli 284, 18 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta kif wkoll l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446.
Ser tapplika l-ahhar imsemmi artikolu stante il-kondotta nadifa ta' l-akkuzata.
Ghalhekk fil-waqt li issibha hatja tilliberaha that il-provedimenti ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 b'dan li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin minn illum. Il-Qorti qed tfiehem lil-hatja l-import ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------